**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgħa 7 ta' April 2010**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal Taqsima A kif ukoll għal Taqsima B huwa ta' tliet sigħat)**

## Taqsima A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tħejji l-atti meħtieġa u motivati għal:

1. (a) oppożizzjoni għal talba magħmula minn kap ta' dipartiment tal-gvern b'att ġudizzjarju taħt l-art. 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għall-ħlas ta' kreditu pretiż mid-dipartiment u kontestat mill-klijent tiegħek; u (b) appell minn taxxa ta' dritt ta' perit ġudizzjarju.

2. tweġiba b'rikonvenzjoni għal rikors maħluf kontra l-klijent tiegħek għal danni f'inċident tat-triq.

3. (a) talba biex il-qorti tqis mill-ġdid id-dikriet tagħha li bih ċaħdet is-sejħa ta' terzi fil-kawża; u (b) kapitoli għas-subizzjoni ta' konvenut li ma deherx għas-smigħ tal-kawża.

4. talba għall-bejgħ ta' proprjetà soġġetta għal ipoteka li tinsab f'idejn terz pussessur. Ehmeż mal-att kopja tal-protesti ipotekarji meħtieġa biex tkun tista' ssir dik it-talba.

5. talba minn pussessur li ġie molestat fit-tgawdija sabiex jinżamm fil-pussess tal-ħaġa.

6. appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali f'isem il-klijent tiegħek (il-kwerelant) wara li l-Qorti tal-Maġistrati illiberat lill-kwerelat (editur ta' gazzetta) mill-imputazzjoni ta' malafama permezz ta' stampat għax irriteniet li l-azzjoni kienet estinta.

## Taqsima B

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. X'tifhem b'"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet għandu xi limiti? X'inhi d-differenza, jekk hemm, bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.

2. Inti ġejt imqabbad mill-Qorti Kriminali biex tiddefendi raġel mixli b'omiċidju volontarju. Fl-ewwel laqgħa mal-klijent tiegħek huwa jammetti miegħek li qatel għax ried ipattiha lill-vittma minħabba kwistjoni li kellhom dwar jedd ta' mogħdija fuq għalqa. Il-klijent tiegħek igħidlek ukoll illi ma jridx jammetti l-ħtija u li bi ħsiebu jwaħħal f'persuna oħra li wkoll kellha xi tgħid mal-mejjet iżda li ma kellha ebda sehem fl-omiċidju. L-attijiet tal-kumpilazzjoni juru illi għal xi żmien il-pulizija esekuttiva kellha suspetti f'din il-persuna l-oħra.

   Kif għandek iġġib ruħek bħala avukat, kemm qabel u kemm waqt il-ġuri, quddiem il-klijent tiegħek, ukoll fid-dawl ta' dak li qallek li jrid jagħmel, u quddiem il-persuna l-oħra li inti taf (għax hekk qallek il-klijent tiegħek) li ma kellhiex x'taqsam mal-qtil? Fisser partikolarment il-linja jew linji ta' difiża li tkun etikament ġustifikat li tipproponi.

3. L-art. 30 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi "L-avukati u l-prokuraturi legali, meta jidhru quddiem il-qrati superjuri jew inferjuri, jitqiesu bħala uffiċjali tal-qorti". Xi jġib miegħu għall-etika professjonali u għad-dmirijiet u d-drittijiet ta' avukat li huwa jkun "uffiċjal tal-qorti"?